MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

**ONOR. IMHALLEF**
**TONIO MALLIA**

Seduta tad-9 ta' Novembru, 2012

Appell Civili Numru. 835/2010/1

**Karen Mangion**

**v.**

**David Anastasi**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ta' David Anastasi tal-14 ta' Lulju 2010, li jaqra hekk:

"1. Illi Karen Mangion, li a favur taghha gie liberat il-fond meritu ta' din is-subbasta, iddepozitat b'cedola ta' depozitu prezentata fis-16 ta' Settembru, 2009 is-somma

ta’ €8,760.05 li, kif tghid l-istess cedola, tirrappresenta ‘din is-somma sehemha mis-sorte u sehemha mill-ispejjez’.

“2. Illi bic-cedola msemmija jinghad li Karen Mangion ‘trid tassumi’ dak dovut lil HSBC Bank Malta p.l.c li gie ndikat fl-ammont ta’ €79,969.53 mentri fil fatt kif jidher skond id-dokumenti annessi giet imhallsa s-somma ta’ €71,117.86, biex gie saldat id-debitu mal-Bank. Id-diskrepanza li tirrisulta hi fl-ammont ta’ €8,859.67.
“3. Illi inoltre d-depozitanti Karen Mangion ghamlet kalkoli ohrajn ta’ likwidazzjoni ghal kollox zbaljati f’dan is-sens:

“l-ammont risultanti wara l-hlas tal-Bank (€107,500 - €71,117.86) kellu jigi ndikat bhala €36,382.14, li minnu d-depozitanti kellha l-jedd tippreleva s-somma ta’ €7,873.28 kif deciz bis-sentenza moghtija minn din il-Qorti tad-19 ta’ Marzu, 2008, biex b’hekk jifdal €28,508.86. Mill-imsemmi ammont ta’ €28,508.86 Karen Mangion kellha d-dritt li tippreleva €1,631.90, sehem l-esponenti mill-ispejjez gudizzjarji pagabbli lilha kif jidher ukoll skond ic-cedola ta’ depositu taghha. La darba jigu prelevati l-istess €1,631.90, jibqa’ bilanc ta’ €26,876.96 li huwa divizibbli ugwalment bejn il-partijiet. Ghalhekk Karen Mangion kellha tiddeposita s-somma ta’ €13,438.48. Hija zgwidat lil din l-Onorabbli Qorti volutament fil-kalkoli li ghamlet biex waslet ghad-depositu meta ddikjarat illi HSBC Bank Malta p.l.c. thallas €79,969.53 mentri fil fatt il-Bank ircieva €71,117.86 (‘statement’ anness).

“L-esponent ghalhekk jitlob bir-rispett illi din l-Onorabbli Qorti joghgobha tordna li Karen Mangion tghaddi ghad-depozitu tas-somma ta’ €13,438.48 fuq imsemmija li kif spjegat tispetta lilu mir-rikavat tal-bejgh li sar, flimkien ma’ l-imghax legali b’effett mis-16 ta’ Settembru, 2009, okkorrendo wkoll billi jinghataw il-provedimenti opportuni ghal disprezz lejn l-awtorita` ta’ din il-Qorti.”

Rat ir-risposta ta’ Karen Mangion li in forza taghha eccepiet:

“Illi it-talbiet rikorrenti ghandhom jigu respinti bl-ispejjez u dan ghas-segwenti ragunijiet;

“Illi preliminarjament ghandu jinghad li r-rikors indikat huwa guridikament insostenibbli u dan stante illi l-esponenti kienet intavolat rikors ghal animo compensandi li kien gie favorevolment degretat fis-7 ta’ Settembru 2009.

“Illi sussegwentement irrizultalha li kienet ghamlet xi kalkoli erronji u ntavolat talba ghall-korrezzjoni liema talba giet favorevolment akkordata fid-9 ta’ Ottubru 2009.

“Illi r-rikorrent kien gie debitament notifikat bir-rikors ghall-korrezzjoni tas-somom indikati u kien ghogbu ma jwegibx jew b’xi mod joggezzjona.

“Illi in segwitu l-esponentiipprezentat cedola ta’ depozitu konformament ma’ dak approvat b’tali mod li l-proceduri tas-subbasti gew finalment konkluzi.

“Illi ghalhekk, f’dan l-istadju dak mitlub huwa inkoncepibbli guridikament.
“Illi inoltre u minghajr pregudizzju l-esponenti tafferma li l-ammonti indikati fic-cedola ta’ depozitu taghha huma precizi u idoneji u addirittura approvati minn din l-istess Onorabbli Qorti.

“Illi mill-atti tac-cedola ta’ depozitu relattiv fir-raba’ paragrafu jirrizulta li hemm imnizzel is-segwenti:-

““mill-ammont ta’ 107,500 euro (il-prezz tal-post) ghandha ghaldaqstant titnaqqas is-somma ta’ 79,969.53 euro (dak dovut lill-Bank) u b’hekk l-ammont jigi 36,530.47 euro”

“Illi minn hawn jidher car li l-konteggi tar-rikorrent David Anastasi huma manifestament erronji u li jidher car li kull ma hemm hazin hu zball dettalografiku.

“Illi biex tasal ghas-somma ta’ 36,530.47 euro trid taghmel 107,500 euro meno 71,117.86 euro (is-somma indikata

mill-istess rikorrent) u mhux 79,969.53 euro kif erronjament imnizzel mill-esponent.

“Illi ghaldaqstant jirrizulta bl-aktar mod car u lampanti li l-ammont indikat ta’ 36,530.47 euro hu preciz.

“Illi del resto il-kalkoli l-ohra maghmula mir-rikorrent huma ghal kollox skorretti stante li, vide paragrafu 3, 107,500 euro meno 71,117.86 euro jigi €36,530.47 u mhux is-somma indikata mir-rikorrent u stante li l-esponenti ghandha nofs il-propjeta` hi kellha tiddepozita biss nofs din is-somma li jigu 18,265.23 euro u mhux kif erronjament indikat is-somma kollha.

“Illi kieku l-ammont akkordat a favur taghha mill-Qorti fis-somma ta’ 7873.28 euro kellhom jitnaqqsu mis-somma kollha ta’ 36,530.47 ewro kieku kienet ser tippercepixxi biss nofs mis-somma akkordata lilha mill-Qorti.

“Illi del resto, illum il-proceduri tas-subbasta jinsabu ormai konkluzi u ma jistghu qatt jigu impunjati bil-mod pretiz mir-rikorrent.”

Rat is-sentenza li tat il-Prim’ Awla tal-Qorti Civili fl-10 ta’ Gunju 2011, li in forza taghha ddecidiet il-kawza fis-sens li gej:

“Ghal dawn il-motivi kollha:-

“Tiddeciedi billi tichad it-talbiet kollha tar-rikorrenti David Anastasi bl-ispejjez kollha kontra l-istess rikorrenti.”

Dik il-Qorti tat is-sentenza taghha wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

“Il-rikorrenti David Anastasi, fir-rikors promotur tieghu, jippremetti li l-fond mertu tas-subasta in kwestjoni kien gie liberat a favur tal-intimata Karen Mangion, li da parti taghha b’cedola iddepozitat, fis-16 ta’ Settembru, 2009, is-somma ta’ euro €8,760.05. Skond l-istess rikorrenti Mangion kellha tiddeposita soma akbar. Dejjem fir-rikors promotur tieghu r-rikorrenti jsostni li lill-bank kienet thallset

is-somma ta’ euro €71,117.86 u mhux kif indikat mill-intimata Mangion fic-cdola minnha presentata s-somma ta’ €79,969.53. Ghalhekk skond ir-rikorrenti tirrizulta diskrepanza ta’ €8,859.67. Skond ir-rikorrenti oltre dan l-imsemmi zball Mangion ghamlet kalkoli ohra zbaljati b’mod partikolari li l-ammont li baqa wara li gie mhallas il-Bank kellu ikun ta’ €36,382.14, li minnhom Mangion kellha id-dritt li li tippreleva s-somma ta’ euro €7,873.28 u dan skond l-imsemmija sentenza tad-19 ta’ Marzu, 2008. Inoltre Mangion inghata ukoll id-dritt li tippreleva €1,631.90 li hu s-sehem tar-rikorrenti Anastasi mill-ispejjez gudizzjarji. Ghalhekk, skond ir-rikorrenti, Mangion kellha tiddeposita s-somma akbar mill-ammont li gie depositat.

“L-intimata Karen Mangion ghal dan kollu rrispondiet preliminarjament li r-rikors promotur hu guridikament insostenibbli stante li hi, cioe’ Mangion, kienet giet ammessa biex taghmel offerti “animo compensandi.” Skond Mangion il-proceduri tas-subbasta in kwestjoni gew finalment konkluzi meta l-fond gie definittivament liberat favur taghha u kwindi dak li qed jitlob ir-rikorrenti Anastasi, permezz tal-presenti rikors, hu guridikament inkoncepibbli. Mangion tiddikjara ukoll li l-ammonti kollha indikati fl-imsemmija cedola ta’ depozitu taghha huma precizi u ukoll approvati minn din il-Qorti. L-intimata taghmel referenza ghal dak li hemm dikjarat fir-raba paragrafu tac-cedola u cioe’ li “mill-ammont ta’ €107,500 (il-prezz tal-post) ghandha titnaqqas is-somma ta’ €79,969.53 (dak dovut lill-Bank) u b’hekk l-ammont jigi €36,530.47.” Kwindi huma l-konteggi li ghamel ir-rikorrenti Anastasi huma zbaljati u kull ma seta kien hemm kien biss zball dattilografiku.

“In effett hi korretta s-sottomissjoni ta’ Mangion fis-sens li biex tasal ghas-somma ta’ €36,530.47 kull ma wiehed irid jaghmel hu li jnaqqas mill-prezz tal-immobli is-somma ta’ €71,117.86 u mhux is-somma ta’ €799,69.53, li hi s-somma li giet erronjament indikata minn Mangion. Ghalhekk jidher li l-ammont indikat ta’ €36,530.47 hu korrett.

“Mangion korrettament tkompli tissottometti li hi ghandha nofs il-propjeta’ in-kwestjoni u ghalhekk hi, semmai, ghandha tiddepozita biss in-nofs u inoltre Mangion tissottometti li llum il-proceduri tas-subasta huma ormai konkluzi u b’hekk ma jistghu qatt jigu impunjati bil-mod kif qed jippretendi r-rikorrenti.

“Minn dak li gie sottomess mil-partijiet fin-noti ta’ sottomissjonijiet tagghom jirrizulta car li huma qed jaqblu li l-ammont li gie mhallas lill-Bank kien dak €71,117.86 u mhux dak ta’ €79,969.53, liema cifra tidher li tnizzlet bi zball mill-intimata Mangion. Kwindi m’hemmx kontestazzjoni li l-ammont li baqa wara li thallas l-istess bank kien dak €36,382.14. Lanqs ma jidher li hemm kontestazzjoni bejn il-partijiet dwar il-fatt li Mangion inghatat id-dritt mill-Qorti li tippreleva s-somma ta’ €7,873.28. Li mhux qed jaqblu l-partijiet hu kif ghandha tigi prelevata l-imsemmija somma ta’ €7,873.28 u cioe’ jekk ghandhiex tigi prlevata wara li l-imsemmi ammont jigi diviz bejn tnejn u sussegwentement mis-sehem spetttanti lill-Anastsi isir il-prelevament favur Mangion ta’ €7,873.28 kif qed issostni l-istess intimate Mangion jew li l-prelevament ghandu isir mil-ewwel mis-somma kollha ta’ €36,382.14, u sussegwentement dak li jifdal jinqasam bin-nofs bejn il-partijiet kif qed isostni r-rikorrenti Anastasi.

“Qabel xejn pero’ trid tigi deciza s-sottomissjoni preliminari ta’ Mangion u cioe li r-rikors prootur huwa guridikament insostenibbli stante li kien gie intavolat u akkolt rikors tal-istess Mangion sabiex hi, fis-subasta, toffri “animo compensandi.” F’dan ir-rigward Mangion tkompli tirrileva li l-proceduri kif adoperati mir-rikorrent Anastasi ma huma bbazati fuq l-ebda artikolu tal-ligi, mhux kontemplati fil-ligi u addirittura legalment bla bazi. Skond Mangion il-bejgh in kwestjoni hu regolat bil-ligi qabel ma saru l-emendi introdotti bl-att XIV tal-2006.

“L-artikoli relevanti ghal tpacija kienu l-artikoli 338 et seq tal-Kap 12 u l-imsemmi artikolu 338 kien jipprovdi teswalment fis-subartikolu (1) li “t-talba ghall-approvazzjoni tat-tpacija ghandha ssir b’rikors, u dan ghandu jigi nnotifikat lid-debitur u lil dawk li jkunu ghamlu

oppozizzjoni, jew li b’talba taghhom ikunu saru mandati ta’ qbid jew ta’ sekwestru, kif imsemmi fl-artikolu 335. Sis-subartikolu (2) tal-istess artikolu “l-persuni hekk innotifikati ghandhom iz-zmien ta’ jumejn sabiex jippresentaw twegiba.” Is-subartikolu (3) “meta t-twegiba tkun kontra t-talba ghall-approvazzjoni tat-tpacija, il-Qorti ghandha tordna li jigi intavolat procediment iehor b’citazzjoni.” L-artikolu 339 kien jipprovdi li “l-Qorti, meta tapprova t-tpacija, tista’ tordna lix-xerrej li jaghti garanzija tajba li jiddepozita l-prezz flimkien ma’ l-imghaxxijiet, jekk jigi hekk deciz.” L-artikolu 340 – “jekk it-tpacija ma tigix approvata, jghoddu d-disposizzjonijiet tas-subartikolu (2) u (3) ta’ l-artikolu 329. Meta t-tpacija tigi approvata, x-xerrej ghandu l-jedd li jiehu l-kunsinna tal-hwejjeg mobbli li jkunu gew illiberati lilu.”

“Jirrizulta minn dawn l-artikoli li tista ssir opposizzjoni ghat-talba ghal tpacija biss meta tigi approvata t-tpacija u meta tali approvazzjoni tigi notifikata lill-partijiet fis-subasta. Inoltre l-ligi tipprovdi li meta ssir tali opposizzjoni trid tinghata l-ordni li ssir kawza ohra ad hoc. F’dawn il-proceduri, in effett, Mangion kienet giet ammessa taghmel offerti animo compensandi. F’dan ir-rigward ma jidhirx li saret ebda opposizzjoni kif trid il-ligi bl-imsemmija provedimenti u ghalhekk is-sottomissjoni ta’ Mangion tidher li hi korretta fis-sens li l-atti tas-sub-asta in kwestjoni gew finalment konkjuzi meta l-fond gie liberat favur l-istess Mangion.

“Hu ghal kollox logiku u li l-imsemmija somma ta’ €7,873.28 ghandha tigi prelevata mis-somma spettanti lil Anastasi wara li jitnaqqas l-ammont li kellu jitthallas il-bank. Hu zgur li l-istess prelevament m’ghandux isir mil-ewwel mis-somma kollha ta’ €36,382.14. Kieku kien hekk l-intimata tigi li qed thallas hi n-nofs tal-ammont li gie likwidat favur taghha mill-Qorti, mentri skond is-sentenza in kwestjoni, l-intier tal-ammont hekk likwidat kellu jithallas mir-rikorrenti

“Fid-dawl ta’ dak kollu li gie premess it-talbiet kollha tar-rikorrenti David Anastasi jimmeritaw li jigu rigettati.”

Rat ir-rikors tal-appell ta’ David Anastasi, li in forza tieghu, ghar-ragunijiet minnhu premessi, talab illi din il-Qorti joghgobha:

“…thassar tirrevoka l-istess decizjoni u konsegwentement tilqa’ t-talba li giet avvanzata mill-istess esponent, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-appellata Karen Mangion.”

Rat ir-risposta tal-appell ta' Karen Mangion li in forza taghha, ghar-ragunijiet minnha premessi talbet biex l-appell jigi michud peress li s-sentenza appellata hija gusta u timmerita konferma;

Semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Ikkunsidrat:

L-aggravju tal-appellant David Anastasi huwa dwar kif sar il-prelevament tas-somma ta’ €7,873.28 li minflok giet imnaqqsa mir-rikavat totali tal-bejgh tal-fond mibjugh mis-subbasta, kif kellu jsir skont is-sentenza tal-Prim’Awla tal-Qorti Civili tad-19 ta’ Marzu 2008, giet skorrettement imnaqqsa mill-bilanc rimanenti wara li mir-rikavat naqqas is-sehem li kien jispetta lill-appellata ghal-sehemha fil-fond mibjugh. B’hekk gie li s-somma msemmija giet imnaqqsa mis-sehem biss spettanti lill-appellant u mhux ukoll mis-sehem spettanti lill-appellata kuntrarjament ghal dak deciz fis-sentenza msemmija. Ghalhekk l-appellant jilmenta li dak li kien qed jigi allegat minnu kien li sar kalkolu hazin fil-mod kif inhaddmu l-kontijiet u li dan ma ghandu x’jaqsam xejn ma’ l-offerti *animo compensandi* u jekk il-procedura tas-subbasta gietx konkluza jew le.

Ghal dan, l-appellat irrisponda li l-appell huwa *fuori termine* ghaliex dan kellu jsir fit-terminu ta’ sitt (6) ijiem indikati fl-Artikolu 229 tal-Kap. 12. Issottometta wkoll li l-appell jindirizza biss parti mid-decizjoni tal-Qorti tal-Prim’ Istanza dwar il-mertu ghaliex skont l-appellant l-appell ma ndirizzax dik il-parti tad-decizjoni appellata fejn inghad li l-

procedura adoperata mill-appellant quddiem l-ewwel Qorti ma kinitx ammissibbli la darba l-appellant ma rrispondiex fit-terminu indikat ghat-talba ghal *animo compensandi* u l-proceduri tas-subbasta gew definittivament konkluzi b'cedola ta' depozitu li kienet konformi ma' dak approvat mill-Qorti, bil-konsegwenza li ma jistax issa jsir appell biss fuq il-mertu.

Mill-atti processwali jirrizulta li fl-atti tas-subbasta fl-ismijiet premessi kien prezentat rikors mill-appellata sabiex tigi approvata t-talba taghha *animo compensandi* b'rikors datat 26 ta' Settembru 2008, liema rikors gie notifikat lill-appellant fl-14 ta' Ottubru 2008, izda ma saret ebda risposta u peress li ma kienx hemm oppozizzjoni tali talba giet milqugha fl-10 ta' Novembru 2008.

Is-subbasta giet appuntata ghal 4 ta' Dicembru 2008, il-fond gie liberat favur certa Vanessa Formstom ghal €96,000, izda l-appellata kisret il-kwindena u offriet €98,880 u jirrizulta li sussegwentement il-proprjeta` giet liberata finalment fil-11 ta' Gunju 2009 ghal prezz ta' €107,500 favur Karen Mangion.

Sar rikors iehor mill-appellata odjerna datat 11 ta' Settembru 2009 sabiex jigi kkoregut ir-rikors tas-26 ta' Settembru 2008, b'dan li l-ammont ta' tpacija kellu jkun ta' €9,505.18 u mhux €8,075.92. Ghal darba ohra l-istess rikors gie debitament notifikat lill-appellanti fid-19 ta' Settembru 2009 izda ma saritx risposta minnu u l-Qorti laqghet it-talba b'digriet datat 9 ta' Ottubru 2009. Ic-Cedola ta' Depositu saret fis-16 ta' Settembru 2009 u saret it-tpacija hemm indikata u gie depozitat l-ammont ta' €8,760.05 bhala sehem l-appellanti minn tali bejgh.

Illi dwar il-punt li ma jistax jsir appell mid-decizjoni tal-ewwel Qorti mertu ta' dan l-appell jinghad li l-appellata ghandha ragun ghaliex ma jirrizultax li l-ligi f'dan il-kaz tipprovdi ghall-appell minn decizjoni jew digriet ta' dan it-tip.
Dan qed jinghad minkejja li l-**Artikoli 227** u **229** citati mill-appellata ma japplikawx ghal kaz in ezami ghaliex dawn jirreferu ghall-proceduri ohra li ma humiex mertu ta' dan l-

appell. L-istess jinghad dwar is-sentenza citata mill-appellata peress li dik kienet tittratta procedura specjali.

Dan ghaliex la darba ir-rikors li gie pprezentat quddiem l-ewwel Qorti, li mid-decizjoni fuqu qed isir dan l-appell, ma huwiex wiehed li qed jattakka d-digriet ghal talba ta' *animo compensandi* mela allura lanqas id-dispozizzjonijiet tal-**Artikolu 338 tal-Kap. 12** ma japplikaw ghal kaz in ezami.

Mela is-sitwazzjoni hija li dan huwa appell minn decizjoni fuq rikors li kien qed jattakka biss ic-cedola ta' depozitu, konsegwenti ghad-digriet tat-talba dwar offerti *animo compensandi*, u dan fuq il-bazi li l-prelevament tas-somma li kellha tiehu l-appellata fl-ammont ta' €7,873.28 (skont sentenza fl-ismijiet premessi datata 18 ta' Marzu 2008 (Citaz. Nru. 75/2006 CFS), kellu jsir mir-rikavat tal-bejgh.

Minn tali decizjoni l-Ligi ma tipprovdi l-ebda appell u ghalhekk l-appell huwa f'dan is-sens improponibbli u allura ghandu jitqies bhala irritu u null (ara **APS Bank Limited v. V. G. Tiles Company Limited** – A.C. – 24 ta' Jannar 2011). Fil-fatt jinghad li hemm tliet xorta ta' digrieti cioe` dawk definittivi, dawk interlokutorji, u dawk (it-tielet kategorija) li la huma definittivi u lanqas interlokutorji, u filwaqt li ghall-ewwel zewg kategoriji hemm appell kif ikkontemplat fil-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili, ghat-tielet kategorija ma hemmx dritt ta' appell quddiem il-Qorti tal-Appell (**Joseph Bonello nomine v. Emmanuel Ellul nomine** A.K. – 26 ta' Gunju 1987).

F'dan il-kuntest jinghad li d-digriet appellat ma huwiex digriet interlokutorju ghaliex ma huwiex b'xi mod qed jirregola l-andament ta' kawza. Lanqas jista' jinghad li dan huwa digriet definittiv ghaliex ma jitterminax kontroversja bejn il-partijiet (**Paul Tanti proprio et nomine v. Sammy Mifsud proprio et nomine** (A.C. – 19 ta' Novembru 2001). Mela allura d-decizjoni fuq ir-rikors imsemmi, il-Ligi ma tipprovdi ebda appell minnu direttament quddiem din il-Qorti. Jista' biss jigi "appellat" jew kontestat permezz ta' rikors guramentat quddiem l-istess Qorti li tat id-digriet bi dritt ta' appell lil din il-Qorti fuq sentenza moghtija mill-

Prim Istanza. F'dan is-sens hija s-sentenza fl-ismijiet **Josef Gatt v. Marisa Gatt** (A.C. – 8 ta' Mejju 2003) u d-decizjoni **Alexander Grech et v. Mamma Mia Company Limited** (A.C. – 15 ta' Frar 2005).

Ghal motivi premessi, din il-Qorti tilqa' l-pregudizzjali sollevata mill-appellata Karen Mangion, u tiddikjara l-appell irritu u null u tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tieghu.

Bl-ispejjez kontra David Anastasi.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------